*Irkejjen Storiċi*

# Ta' min kienu l-katakombi?

*minn Vincent Zammit*

*Fost il-ħafna postijiet arkeoloġiċi li nsibu fil-gżejjer Maltin hemm il-katakombi. Dawn il-postijiet imorru lura għaż-żmien ta' l-ewwel insara. L-informazzjoni fuq dan il-perijodu għadha sa llum tkun studjata sew, minħabba li kien hemm wisq informazzjoni li wieħed jista' jgħid li ma kinitx eżatta. Iżda llum, minħabba l-ħafna riċerka li qiegħda ssir, jista' jingħad li qegħdin nersqu aktar lejn id-dettalji ta' dan iż-żmien milli konna ftit snin ilu.*



*Tinqix ta' għodda f'katakombi Maltin. Sors: M. Buhagiar, 1986*

Il-katakombi kienu sempliċiment grupp ta' oqbra. L-użanza f'dak iż-żmien kienet li dawn jitħaffru taħt l-art. Għalkemm din is-sistema kienet ilha pprattikata madwar il-Mediterran kollu, kienet biss f'dawn iż-żminijiet li beda jkun hemm tħaffir ta' zona sħiħa, u f'din iz-zona kien ikun hemm numru ta' oqbra. Ma kienx il-każ li wieħed kien jara biss żewġ kmamar funerarji. Iżda f'katakombi kien jara diversi passaġġi, kmamar, u zoni differenti u maqtugħin mill-kumplament ukoll.

Illum il-ġurnata ċ-ċimiterji tagħna huma differenti. Għandek iz-zoni li jappartjenu jew lil xi għaqda reliġjuża, inkella xi tip ta' għaqda oħra. Hemm ukoll kappelli privati li juru li huma ta' familja partikulari. Forsi hawn min jaħseb li din hi xi għaqda reliġjużi, inkella xi tip ta' għaqda oħra. Hemm ukoll kappelli privati li juru li huma ta' familja partikulari. Forsi hawn min jaħseb li din hi xi ħaġa riċenti, meta fil-fatt jidher li kienet minn dejjem hekk. Hi fil-kultura tal-bniedem li jrid jieħu ħsieb id-dfin tal-membri tal-familja tiegħu. Hemm ħafna tribujiet madwar id-dinja li jemmnu li kulmin imut 'il bogħod minn pajjiżu, għandu jindifen f'art twelidu. Mhux hekk biss, iżda d-dfin irid isir fuq art ta' l-istess familja.

L-ewwel insara ma kinux differenti. L-oqbra li nsibu, speċjalment madwar ir-Rabat f'Malta, imorru lura fl-oriġini tagħhom għal qabel il-wasla tar-reliġjon nisranija fostna. Kienet użanza ferm antika li l-mejtin jindifnu f'oqbra mħaffrin fil-blat. Naturalment din l-użanza kienet kompliet tiżviluppa skond il-bżonn u skond l-użanzi ta' min ikun qiegħed iħaffer.

Qabel ma kien hawn l-insara f'Malta l-użanza kienet li jkun hemm spiera li titħaffer fil-blat, u fil-qiegħ tagħha jkun hemm daħla għal kamra jew aktar. Fl-istess kamra kien ikun hemm jew post għal persuna waħda, inkella għal tnejn minn nies. Dan kien jiddependi ħafna mid-daqs li kienet tkun imħaffra l-kamra funerarja. Il-katakombi huma estensjoni ta' l-istess oqbra Feniċi u Rumani.

L-insara komplew kabbru dawn il-postijiet billi l-ewwel kamra ħaffruha aktar 'il ġewwa, ħarġu passaġġi minnha, u ħaffru kmamar oħra fil-ġnub tal-passaġġi. B'hekk katakombi spiċċa biex kellu post għal aktar minn persuna waħda. Anzi mingħajr ma trid tibda tinduna wkoll li kien hemm xi mindaqqiet komunità sħiħa li setgħet tindifen f'katakombi partikulari.



*Tinqix ta' għodda kif jidhru mal-ħajt ta' katakombi. Sors. M. Buhagiar, 1986.*

### Tinqix fuq ġebel

Kitba f'dokumenti ma nstabitx. Minħabba f'hekk wieħed ma jistax jasal għal xi konklużjoni dwar ta' min kienu l-katakombi. Fil-kampanja Maltija nstabu ħafna katakombi ta' daqs żgħir. Dawn mingħajr ma trid ikollok temmen li kienu proprjetà ta' familja waħda. Xi kultant hu minnu li jkun hemm bħal numru ta' katakombi żgħar li jinsabu fl-istess inħawi, u għalhekk ikollok temmen ukoll li fil-post kien hemm aktar minn familja waħda toqgħod.

Jekk wieħed imur lejn il-katakombi l-kbar li hemm fir-Rabat; dawk magħrufin bħala ta' San Pawl, għandu jinduna li hemm dettalji li wieħed jista' jgħidilhom importanti biex nifhmu l-argument tal-ġurnata. Iżda dan it-tinqix jinsab f'katakombi oħra wkoll.

Fil-katakombi numru 3 insibu kumpless żgħir ta' kmamar u passaġġi. Uħud mill-kmamar kienu jingħalqu billi jkun hemm blata mdaqqsa mhux ħażin, u din kien ikollha bħal xifer fuq wara biex dik tkun il-parti li tagħlaq id-daħla tal-kamra funerarja. Il-faċċata tal-blata xi kultant kienet tkun dekorata. Din id-dekorazzjoni hi ħafna importanti biex wieħed jibda janalizza ta' min kienu dawn il-katakombi.

Fuq il-blata hemm żewġ fillieri ta' għodda. L-arkeologu Malti, Sir Themistocles Zammit kien identifika dawn bħala għodda użati minn ħaddiema differenti. Iżda tajjeb jingħad ukoll li skond storiku Malti ieħor, din id-darba storiku tal-mediċina, Dr Paul Cassar, dawn fil-fatt juru għodda li kienet tintuża minn kirurgi. Għalhekk wieħed jemmen li dawk il-persuni li kienu midfuna f'din iz-zona kienu membri ta' l-istess għaqda ta' ħaddiema, f'dan il-każ ta' kirurgi.

Dan ma kienx l-uniku katakombi li kellu dawn id-dekorazzjonijiet imnaqqxin fuq il-ġebel li nstabu fihom. Bħala eżempju nistgħu nsemmu wieħed li għandu bħala numru dak ta' 23. Dan għandu numru ta' strumenti ta' ħaddiema fil-ġebel. Tajjeb jingħad li din l-għodda għandha bosta interpretazzjonijiet. Hemm min jgħid ukoll li din hi għodda ta' bdiewa jew ta' *fossores*.

Dawn ta' l-aħħar kienu grupp ta' nies li kienu jħaffru huma stess il-katakombi skond il-bżonnijiet tal-mument. Għalkemm dawn in-nies konna nsibuhom f'postijiet oħrajn barra minn xtutna, s'issa għad m'hemm l-ebda indikazzjoni li kienu jieħdu ħsieb it-tħaffir tal-katakombi f'Malta wkoll.

Hemm grupp ta' għodda oħra li qegħdin juru għodda tal-bdiewa, filwaqt li f'ieħor hemm dawk tal-ħaddieda. Dawn il-katakombi kollha juru li kienu proprjetà ta' għaqdiet, probabbilment ta' ħaddiema.

Apparti minn dan it-tinqix, hemm dekorazzjonijiet oħra li nsibu fil-katakombi. Hemm skrizzjonijiet li jagħtuna xi ismijiet ukoll. Iżda mbagħad hemm dekorazzjonijiet oħrajn li juru d-diversità tal-poplu li kien jgħix f'Malta f'dawk iż-żminijiet. Hemm katakombi li għandhom il-*menorah* bħala dekorazzjoni. Dan hu s-simbolu tal-Lhud, u għalhekk wieħed jinduna li bħalma kien hemm insara li kienu jagħmlu użu mill-katakombi, kien hemm ukoll il-Lhud.

Wieħed għalhekk jasal għall-konklużjoni li m'huwiex faċli tgħid ta' min kienu l-katakombi. Għalkemm tajjeb ngħidu wkoll li hemm min hu ta' l-idea li dan it-tinqix tal-għodda seta' kien juri l-mestier tal-mejjet biss, u ma kien hemm l-ebda għaqda tiegħu ħsieb. Il-katakombi Maltin huma mimlija b'dawn id-dettalji żgħar li jkomplu jagħ-mluhom aktar interessanti.